# Il-Misteri tad-dawl

## I. Il-Magħmudija fil-Ġordan

Meta Sidna Ġesù Kristu ġie mgħammed minn Ġwanni l-Battista fix-Xmara Ġordan.

Mill-Evanġelju skond San Mattew III 13-17

Imbagħad deher Ġesù ġej mill-Gallilija lejn il-Ġordan għand Ġwanni biex jitgħammed minnu. Imma Ġwanni ma ħalliehx, u qallu: *Jien hu li jeħtieġli nitgħammed minnek, u int tiġi għandi?* Ġesù qallu: *Inti għalissa ħallik minn dan, għax hekk jixraq li nimxu biex inkunu għamilna u temmejna s-sewwa kollu.* imbagħad Ġwanni ħallieh jitgħammed. Ġesù wara li tgħammed , minnufih tela' mill-ilma, u ara s-smewwiet infetħu u ra l-Ipirtu ta' Alla nieżel qiesu ħamiema u jieaqf fuqu. U mis-smewwiet instema' leħen jgħid: *Dan hu ibni l-għażiż; fih sibt il-għaxqa tiegħi.*

Il-Magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan tħabbart il-bidu tal-ħidma tiegħu fost il-bnedmin. F'din il-ġrajja, il-Missier juri li l-Iben huwa l-għaxqa tiegħu u għalhekk huwa kkonsagrat kollu kemm hu għalih u l-ħidma tiegħu.

Mulej, għinna ngħixu l-konsagrazzjoni li ħadna fil-magħmudija tagħna billi ningħataw kollna kemm aħna għat-twettiq tar-rieda tiegħek fostna, u hekk aħna wkoll insiru nogħġbuk.

L-Ispirtu jmur jinżel
Fuq Kristu l-Messija
Kif tgħammed minn Ġwanni
Ġesù Bin Marija

# II. It-Tieġ ta' Kana

Meta Sidna Ġesù Kristu għamel l-ewwel sinjal fit-Tieġ ta' Kana u d-dixxipli emmnu fih.

Mill Evanġelju skond San Ġwann II 1-11

Imbagħad il-pitgħada sar tieġ f'Kana tal-Gallilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: *Ma għandhomx inbid.* U Ġesù qalilha: *Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx.* Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħeda hemm għall-ħasil ritwali tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi mitt jew mija u għxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: *Imlew il-ġrara bl-ilma.* U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom: *Issa ġudu minnu u newluh lil dak li qed jieħu ħsieb il-mejda.* U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mindul f'inbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: *kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li hu inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa .* Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Gallilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera' l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

F'dan l-ewwel sinjal li Ġesù wettaq f'Kana tal-Gallilija, id-dixxipliu raw il-qawwa ta' Alla taħdem fih, u emmnu fih.

Mulej għinna naraw il-qawwa tiegħek taħdem il-ħin kollu madwarna u nemmnu dejjem fik b'iktar konvinzjoni.

Mill-ilma ġo Kana
Inbid kollu benna
Mar juri l-Messija
Li ż-żmien wasal f'temma

# III. It-Tħabbira tas-Saltna

Meta Sidna Ġesù Kristu ħabbar li qorbot is-Saltna ta' Alla sejjaħ lill-bnedmin għall-konverżjoni.

Qari mill-Evanġelju skond San Mark I 14-15

Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Gallilija jxandar il-Bxara t-Tajba ta' Alla u jgħid: *Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba*.

Il-ħidma ta' Ġesù fost il-bnedmin hija waħda: is-Saltna ta' Alla waslet u ż-żmien li għadda, ntemm. Iżda biex nilqgħu is-Saltna ta' Alla fostna, irridu nindmu mill-ħajja qadima tagħna u nibdew ngħixu ħajja kollha kemm hi ġdida mibnija fuq l-għarfien li Alla jħobbna.

Mulej, agħtina l-qawwa u l-kuraġġ biex nindmu tassew mill-imgħoddi tagħna u nimxu warajk f'ħajja ġdida.

Lill-ġemgħa miġbura
Ġesù jmur iħabbar
L-indiema u s-Saltna
Biex l-hena ikabbar

# IV. It-Trasfigurazzjoni

Meta Sidna Ġesù Kristu tbiddel fuq il-Muntanja Tabor quddiem l-Appostli tiegħu.

Qari mill-Evanġelju skond San Luqa IX 28-36

Daqs tmint ijiem wara (dan id-diskors), Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġwanni u lil Ġakbu, u tela' fuq il-muntanja biex jitlob. U ġara, li huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex. U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija, li dehru fil-glorja, jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerualemm. Pietru u sħabu kienu mejtin bin-ngħas, imma baqgħu imqajmin sewwa, u raw il-glorja tiegħu u ż-żewġt irġiel li kienu miegħu. X'ħin dawn it-tnejn kienu se jinfirdu minnu, Pietru qali lil Ġesù: *Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija.* Ma kienx jaf x'inhu jgħid. Watq li kien qiegħed jgħid dan, ġiet sħaba u għattiethom, u huma beżgħu kif daħlu fis-sħaba. U min ġos-sħaba nstema' leħen igħid: *Dan hu Ibni l-maħtur; isimgħu lilu.* Malli nstema' l-leħen, Ġesù sab ruħu waħdu. Huma żammew is-skiet, u għal dawk il-jiem ma qalu xejn lil ħadd minn dak li kienu raw.

Fuq il-Muntanja Ġesù tela biex jitlob, u fit-talb tbiddel f'dehra li għaġġbet lid-dixxipli. Fil-preżenza ta' Alla waqt li nikkomunikaw miegħu fit-talb, aħna ma nibqgħux l-istess. Insiru nixbħuh u nirraġunaw bħalu; ninbidlu fih.

Mulej għinna nfitxxu dejjem iżjed li ningħaqdu miegħek fit-talb biex ħajjitna ssir tixbaħ dejjem iżjed lil tiegħek.

Fuq l-Għolja tat-Tabor
Jitbiddel bid-dija
U miegħu jitkellmu
Mosè u Elija.

# V. It-Twaqqif ta' l-Ewkaristija

Meta Sidna Ġesù Kristu għamel l-Aħħar Ċena mad-dixxipli tiegħu u tana lilu nnifsu fl-Ewkaristija.

Qari mill-Evanġelju skond San Mark XIV 22-26

Huma u jieklu, ħa l-ħobż f'idejh, u qal: *Ħudu, dan hu ġismi*. Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, u newwilulhom, u lkoll xorbu minnu. U qalilhom: *Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra. Tassew, ngħidilkom, li ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa dakinhar li nixrob inbid ġdid fis-Saltna ta' Alla.*

Waqt l-aħħar ikla Ġesù ħa dak li hu tal-Patt il-Qadim u bidlu f'dak li hu tal-Patt il-ġdid. Meta tagħna lilu nnifsu bħala ikel u bħala xorb, wera biċ-ċar li hu ried jagħtina lilu nnifsu b'imħabba kbira u jibqa' magħna dejjem biex iqawwina.

Mulej, għinna nagħmlu l-ħila biex nieħdu mill-ikel li bih tagħtina l-ħajja ta' dejjem u hekk ħajjitna tinbidel fik.

Matul l-Aħħar Ċena
Ġesù jmur jagħtina
Il-ħobż li jgħajjixna
Biex bih hu jifdina.